**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 705/2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Stacy Gatt)**

**(Spettur Ian Vella)**

**-Vs-**

**DUNSTAN WILLIAMS**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **DUNSTAN WILLIAMS,** ta' 42 sena, bin Alfred u Maria Carmela nee' O'brien, imwieled ġewwa San Ġiljan, nhar it-18/11/1978 u residenti ġewwa Blata Flat 2, Triq Wigi Rosato, Bormla, detentur ta' karta tal-identita' 102779M akkużat talli :

1. Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 455 G. Bugeja, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn Awtorita' kompetenti**, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;**

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, ċirkostanzi inġurjajt, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 455 G. Buġeja, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, **u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna/i oħra u ċioe hebb u għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 455 G. Bugeja skond kif iċċertifikat Dr. Stephanie Palmier M.D. (Reg. NO. 3974) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, **u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1), 221(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;**

4. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied, **u bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;**

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċikostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lili mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, **u dan bi ksur tak-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;**

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' tieħu ħsieb toegħu innifsu, **u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ;**

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' sġejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' PC455 G. Bugeja jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tsl-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Diċembru 2020 a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021, l-imputat irreġistra ammissjoni tal-ħtija tiegħu għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, ċioe' ir-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fl-istess seduta, l-imputat ammetta wkoll il-ħtija tiegħu għar-reat addebitat fit-tielet imputazzjoni, ċioe' l-offiża ħafifa fuq il-persuna ta' PC 455 Gabriel Bugeja, iżda limitatament in kwantu l-offiża ħafifa tiffigura bħala offiża ta' importanza żgħira ikkunsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż u kemm moralment. L-imputat irreġistra ammissjoni tal-ħtija tiegħu wkoll għar-reati kontravvenzjonali addebitati lilu fir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet.

Semgħet lill-imputat jirriafferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu wara li ġie mwissi dwar il-portata tal-ammissjoni limitata tiegħu, speċifikatament dwar il-piena erogabbli għar-reat li dwarhom ammetta l-ħtija tiegħu, u wara li kkonċedietlu żmien xieraq biex jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu jekk irid;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża ppreżentata fit-28 ta' April 2023 in ottemperanza mad-digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2023;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja tal-imputat għar-reati addebitati lilu fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, bir-riżerva magħmula fir-rigward tal-ammissjoni għall-ħtija dwar ir-reat fit-tielet imputazzjoni, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u bis-salvagwardji kollha li tesiġi l-liġi fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Jifdal biss, għalhekk, li tiġi determinata l-kwistjoni dwar il-ħtija o meno tal-imputat għar-reat addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni, taħt l-Artikolu 96(a) tal-Kodiċi Kriminali u, billi l-imputat ammetta li huwa kkaġuna biss offiża ta' importanza żgħira

lil PC 455 Gabriel Bugeja, jekk l-offiża ħafifa hekk ikkaġunata hijiex waħda li tirrientra fit-tifsira tal-Artikolu 221(3)(b) tal-Kap. 9 jew le.

Ikkunsidrat;

Is-segwenti hija x-xhieda saljenti li hija relevanti biex minnha jinsiltu l-fatti li jistabbilixxu d-dinamika tal-inċident li seħħ fit-22 ta' Diċembru 2020 fejn ġie arrestat l-imputat u fih weġġa' PC 455 Gabriel Bugeja.

**PC 455 Gabriel Bugeja** xehed illi fit-22 ta' Diċembru 2020 huwa kien fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun meta għall-ħabta tal-6.40 p.m. ġie rapportat illi kienet qed isseħħ ġlieda bejn żewġ persuni fil-viċin ġewwa Triq il-Ferrovija. Għalhekk mar iferraq il-ġlieda, fejn ra liż-żewġ persuni ixejru daqqiet ta' ponn lil xulxin bl-addoċċ. Hu qalilhom biex jiefqu jiġġieldu u daħal bejniethom biex jipprova jifraqhom biex ma jweġġħux lil xulxin. Iżda l-persuni li kienu qed jiġġieldu ħebbew għalih u pprovaw jolqtuh. Għalhekk kellu bżonn juża pepper spray biex ma jaqlax daqqiet u dak il-ħin wasal il-kollega tiegħu PC 659 fuq il-post. Irnexxielu jaħtaf wieħed minn dawn il-persuna għaliex il-pepper spray kellu ftit effett fuqu filwaqt li l-persuna l-oħra ħarbet minn fuq il-post. Beda l-proċedura biex jarresta din il-persuna billi beda jgħidlu li qiegħed taħt arrest u niżżlu mal-art iżda ma bediex jikkoopera u beda jirreżisti ħafna l-arrest billi jipprova jqum u jipprova jiżgiċċa, tant illi meta mar biex iqabbdilha l-manetti u rnexxielu jqabbad biss manetta waħda. X'ħin qallu biex jagħtih idu l-oħra, il-persuna, li kienet mal-art b'idejh taħt żaqqu, ħataflu siequ u gidmu fuq il-pexxun u dan waqt li kien qed jipprova jimmanettjah.

Minn fuq il-pedana tax-xhieda, ix-xhud għaraf lill-imputat Dunstan Williams bħala l-persuna li gidmitu.

Dak il-ħin qallu biex iħallilu siequ iżda għal xejn, għaliex l-imputat baqa' jigdmu u kellu jiċċaqlaq siequ biex jitlaqhielu minn ħalqu. Minn hemmhekk, l-imputat baqa' jiżgiċċa u baqa' jipprova jqum tant illi hu u l-kollega tiegħu bagħtu għall-għajnuna tal-

Pulizija tar-Rapid Intervention Unit u sakemm waslu fuq il-post u komplew bl-arrest, huwa baqa' jżomm lill-imputat minn id waħda u sa l-aħħar mument li rah kien għadu f'sensih.

Ix-xhud qal ukoll li huwa kien muġugħ ħafna minħabba l-gidma u bilkemm felaħ jimxi. Imbagħad, mar il-Polyclinic biex tiġi mdewwija l-ferita li kien ġarrab u kellu jerġa' jmur għand it-tabib biex jeżamina l-ferita peress li baqgħet tidher qiesha tebgħa f'saqajh. Insista li huwa ma kienx innota li ż-żewġ persuni li kienu qed jiġġieldu kienu fis-sakra u qal li kienu fuq saqajhom.

**PC 659 Clayton Abela** xehed illi meta fit-22 ta' Diċembru 2020 ġew xi persuni jirrapportaw ġewwa l-Għassa li kien hemm żewġ persuni qed jiġġieldu, il-kollega tiegħu PC 455 Gabriel Bugeja ħareġ minnufih filwaqt li huwa ħareġ xi minuta u nofs wara biex jassistih. Kif dar il-kantuniera rah iferraq liż-żewġ persuni li kienu qed jiġġieldu u jgħidilhom biex jiefqu jiġġieldu bejniethom iżda huma ma kkalkolawhx u minflok, daru għalih fejn rahom ukoll li kien ser iħebbu għall-kollega tiegħu. Dak il-ħin ra lill-kollega tiegħu jagħmel ftit passi lura biex jitbiegħed minnhom u juza pepper spray fejn huwa wkoll ġie milqut u kellu jagħlaq għajnejh. Minħabba f'hekk, ma tantx seta' jassisti lill-kollega tiegħu iżda meta beda jipprova jiftaħ għajnejh ra lil waħda mill-persuni li kienu qed jiġġieldu, taħrab minn fuq il-post u l-persuna l-oħra tirreżisti l-arrest. Minn fuq il-pedana tax-xhieda ix-xhud għaraf lill-imputat preżenti fl-Awla bħala l-persuna li rreżista l-arrest. Dak il-ħin sema' wkoll lill-kollega tiegħu jgħajjat li ġie migdum mill-persuna li kien qed jipprova jarrestaha u li kien qed jirreżisti l-arrest, iżda kkonferma li hu ma kienx ra lill-imputat jigdem lill-kollega tiegħu għaliex kien taħt l-effett tal-pepper spray, għalkemm ipprova jassisti lil PC 455 kemm seta' sakemm waslu il-Pulizija tal-RIU fejn komplew jgħinu fl-arrest. Iddeskriva li l-imputat kien fi stat ta' sakra għaliex wara li ġie arrestat, ma bediex iwieġeb għad-domandi li kienu qed isirulu u spiċċa mitluf minn sensih fit-triq tant illi meta ħaduh fl-Għassa, għamel taħtu.

**PC 799 Alex Sultana** ikkonferma dan meta xehed illi kif wasal fuq il-post ma' PC 866, ra lill-imputat Dunstan Williams mixħut mal-art fuq il-bankina. Kien kważi mitluf minn sensih u ma felaħx iqum u lanqas jitkellem, tant illi u hu flimkien ma' PC 868 ġarrewh kif setgħu minn taħt idejh u beda jitkaxkar sakemm daħħluh fl-Għassa. Xehed ukoll li kif waslu fuq il-post seta' jara lil PC 455 Gabriel Bugeja kien muġugħ ħafna f'saqajh u qallu li kien gidmu l-imputat. Xamm ukoll riħa qawwija ta' xorb fuq l-imputat[1].

**PC 868 Russell Psaila** xehed illi kienu hu u l-kollega tiegħu li kellhom idawwru lill-imputat u jmidduh mal-art biex jimmanettjawh, u dan għaliex beda jżomm iebes u jiftaħ idejh u minħabba f'hekk PC 455 kellu diffikolta' biex jarrestah għalkemm kien tah it-twissija li kien jinsab taħt arrest.

**L-imputat, Dunstan Williams** irrilaxxa stqarrija fejn iddikjara li huwa ma jiftakar xejn la mill-ġlieda li kellu ma persuna oħra fit-triq u lanqas dak li seħħ meta waslu l-Pulizija fuq il-post u arrestawh. Meta xehed quddiem il-Qorti[2], skuża ruħu mal-Korp kollu tal-Pulizija u l-persuni li kienu preżenti u fisser li qatt ma ried li jiġri dak li effettivament seħħ.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tgħid illi l-provi juru inkonfutabbilment illi l-imputat gidem lil PC 455 Gabriel Micallef fuq il-pexxun waqt li dan tal-aħħar kien qed jipprova jarrestah. Id-difiza ma tikkontestax dan tant illi ġiet reġistrata ammissjoni għat-tielet imputazzjoni.

Madanakollu, il-Qorti tikkondividi xejn il-fehma tad-difiża li l-offiża subita minn PC 455 Gabriel Bugeja hija waħda ta' importanza żgħira fit-tifsira tas-subartikolu (3) tal-

---

[1] Ara wkoll xhieda ta' PS 487 Reuben Balzan, 22 ta' Settembru 2021. Xehed ukoll li l-imputat: "*Ma bediex jgħin ruħu*".

[2] Xhieda tal-25 ta' Lulju 2022.

Artikolu 221 tal-Kap. 9. Huwa minnu li l-ferita kienet waħda superfiċjali u huwa minnu wkoll li Dr. Stephanie Palmier, li eżaminat lill-vittma biss ftit tal-ħin wara l-inċident u għal darb'oħra fil-15 ta' Frar 2021, ma setgħetx tiċċertifika b'ċertezza li l-offiża kienet sejra tħalli difett permanenti fil-ġilda. Iżda hija xehdet illi "*l-ġilda kienet imweġġa*" u kkonfermat ukoll illi kważi xaharejn wara l-inċident, din l-istess ferita fuq il-pexxun kienet għadha qed tfiq u kienet għadha viżibbli: "*skin injury sustained over R calf is currently still healing and therefore visible today*."[3]

Miżmum ferm dan kollu l-Qorti ma taqbilx mal-imputat li l-offiża subita minn PC 455 kienet waħda ta' importanza żgħira effett, senjatament meta wieħed jikkonsidra dak li hu l-ġisem tal-offiż. Konsegwentement, l-offiża tiffigura fid-definizzjoni tal-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 għaliex filwaqt li mhijiex waħda li ġabet xi waħda mill-effetti msemmija fl-Artikoli 216 jew 218 tal-Kap. 9 u ma ġietx ikkaġunata lanqas b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-Artikolu 217 tal-Kap. 9, ikkaġunat ħsara fil-ġisem ta' PC 455 Gabriel Bugeja.

Ikkunsidrat;

Ammessa wkoll l-imputazzjoni dwar ir-reat maħsub fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ l-ewwel imputazzjoni, li tixli lill-imputat li għamel reżistenza fuq uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9. Biex tinstab ħtija għal dan ir-reat jeħtieġ li titressaq prova dwar erba' elementi essenzjali, stabbiliti paċifikatament fil-ġurisprudenza in materja.

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Dan ifisser li jekk jkun hemm biss diżubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita`, dan mhux suffiċjenti għall-kummissjoni ta' dan ir-reat.

Il-Professur Mamo jgħid hekk in propositu:

---

[3] Ċertifikat Dok. GB1, paġna 70 tal-atti tal-kawża.

"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority, that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*".

Fin-nuqqas ta' prova dwar it-tfixkil jew il-frustrazzjoni jew ir-reżistenza kontra l-eżekuzzjoni tal-liġi jew tal-ordnijiet tal-awtorita' kompetenti, jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9, ċioe' inġurji jew theddid kontra jew offiża fuq il-persuna ta' uffiċjali pubbliċi, ġia' ammessa mill-imputat.

Barra minn hekk, l-attakk jew reżistenza trid tkun neċessarjament akkumpjanata bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb, b'dan illi waħedhom, insulti jew theddid ma jistgħu jwasslu qatt għal sejbien ta' ħtija taħt din id-disposizzjoni tal-liġi.

Jeħtieġ ukoll illi r-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "*persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku*". Għalkemm il-vittma m'għandhiex tkun liebsa neċessarjament uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapaċita` li fiha qed taġixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija uffiċjal pubbliku, hija meħtieġa *sine qua non* għaliex inkella jkun mankanti l-element formali għall-kommissjoni ta' dan ir-reat.

Finalment, huwa meħtieġ ukoll li l-attakk jew ir-reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku jrid isir sewwasew f'dak il-waqt illi huwa jkun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita` kompetenti. Skont il-Professur Mamo:-

"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Imbagħad, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**[4]:-

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Camilleri**[5], għamlet distinzjoni bejn l-attakk jew ir-reżistenza f'ċirkostanzi fejn uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jarresta jew ikun għadu kif arresta, persuna u attakk jew reżistenza f'sitwazzjoni fejn uffiċjal tal-Pulizija qiegħed jipprova jikkonvinċi lil ħaddieħor jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa.  Skont it-tagħlim tal-Qorti tal-Appell, filwaqt li fl-ewwel istanza l-uffiċjal tal-Pulizija qiegħed jeżegwixxi l-liġi u għalhekk l-attakk jew reżistenza jistgħu jagħtu lok għar-reat taħt l-Artiklu 96 tal-Kap. 9, mhux l-istess fit-tieni istanza għaliex hawnhekk l-uffiċjal tal-Pulizija ma jkunx qiegħed jeżegwixxi l-liġi izda jkun qed iwettaq il-funzjoni pubblika tiegħu.

Huwa għalhekk assodat fil-ġurisprudenza in tema li għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikoku 96 tal-Kap, 9, huwa essenzjali li jintwera li l-uffiċjal li jkun ġie attakkat jew reżistit, kien qed jeżegwixxi l-liġi.

[4] Deċiża 26 ta' Jannar 1999, Qorti tal-Appell Kriminali.

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, 1 ta' Frar 1958.

Ikkunsidrat;

Applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje ta' dan il-każ, il-Qorti ftit li xejn għandha dubju li l-elementi kollha rikjesti biex jissussisti r-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kap. 9, jikkoeżistu. Dan qed jingħad għaliex jirriżulta mix-xhieda ta' PC455 Gabriel Bugeja, li xehed konsistentement illi huwa pproċeda għall-arrest tal-imputat wara illi huwa kien qed jiġġieled fit-triq ma' persuna oħra u meta ordnalhom jiefqu, minflok obdew l-ordni tiegħu, daru għalih u dehru li kienu qed iħebbu għalih tant illi kellu jagħmel użu minn pepper spray biex jikkontrollahom. Din il-verżjoni ġiet korroborata pjenament minn PC 659 Clayton Abela li xehed li ra lill-kollega tiegħu jferraq żewġ persuni li kienu qed jiġġieldu, u meta dawn daru għalih, intuża l-pepper spray.

Il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li din il-verżjoni u l-ħtieġa għall-użu tal-pepper spray, ġew kontradetti jew imminati b'xi mod mix-xhieda ta' Can Ulusay jew Joseph Grech u ma tistax ma tosservax illi fi kwalsiasi każ, jirriżulta mix-xhieda ta' Can Ulusay illi tassew kien hemm argoment b'ħafna għajjat bejnu u l-imputat u għalkemm huwa xehed li telaq kif ra l-Pulizija ġejjin għalihom, dan mhux biżżejjed biex issawwar f'moħħ il-Qorti xi dubju, wisq inqas dubju raġjonevoli, dwar dak li xehdu ż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija, senjatament PC 659 li kien inekwivoku meta ddikjara fix-xhieda tiegħu li ra wieħed mill-irġiel li kienu qed jiġġieldu, jaħrab minn fuq il-post **wara** li ntuża l-pepper spray, f'liema mument ra wkoll lill-ieħor jirreżisti l-arrest. F'kull każ, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat il-fatt li Can Ulusoy telaq minn fuq il-post u ma kienx hu li dar għall-Pulizija, dan ma jeskludix il-fatt li kien l-imputat li pprova jolqot lill-Pulizija hekk kif waslu biex iwaqqfu l-argoment[6].

Lanqas jista' jitwarrab il-fatt illi mir-relazzjoni ta' Dr. Edward Cherubino, maħtur fuq talba tad-difiza nnifisha biex jeżamina l-ġrieħi sofferti mill-imputat fl-episodju li seħħ fit-22 ta' Diċembru 2020, jirriżulta li l-imputat sofra tbenġil infraorbitali madwar iż-

---

[6] Tosserva wkoll li kuntrarjament għal dak sottomess mid-difiza, dan ix-xhud Can Ulusoy imkien ma semma fix-xhieda tiegħu li huwa telaq minn fuq il-post għaliex kien immigrant irregolari u għalhekk, il-fatt jibqa' illi, kif xehdu PC 455 u PC 659, huwa ħarab minn fuq il-post.

żewġ għajnejn u nefħa u tbenġil f'imnieħru, fost feriti oħrajn, liema feriti fil-fehma tal-Qorti ikomplu jsaħħu l-verżjoni tal-uffiċjali tal-Pulizija li l-imputat kien qed jiġġieled ma' persuna oħra (li mbagħad ħarbet minn fuq il-post), għaliex feriti bħal dawn huma kompatibbli ma' involviment fi ġlieda fiżika. Il-Qorti tosserva li d-difiża mkien ma għamlet referenza fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, għar-riżultanzi ta' din il-perizja mitluba minnha stess u tiddeplora l-attentat li dawn ir-riżultanzi jitwarrbu bix-xhieda inverosimili ta' Can Ulusoy.

Għall-Qorti l-ipotesi li tipprova tpenġi d-difiża li l-użu tal-pepper spray kien abbużiv u eċċessiv fiċ-ċirkostanzi, mhijiex plawsibbli u tqis li din l-ipotesi hi msawra biss fuq konġetturi u spekolazzjoni dwar dak li seta' seħħ, u fuq inkonsistenzi minimi f'irqaqat insinjifikanti fix-xhieda li ma jwasslux sal-grad tal-probabbli u fuq kollox, ma jinċidu bl-ebda mod fuq il-kredibbilita' tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Fuq kollox, il-Qorti tosserva li jekk għal mument, kellha tagħti xi qies ta' validita' lill-argoment tad-difiza li l-użu tal-pepper spray kien eċċessiv għaliex l-uffiċjal tal-Pulizija ma kienx intlaqat fiżikament waqt l-argoment, tkun qiegħda taċċetta illi biex mezz ta' kontroll u protezzjoni bħalma huwa pepper spray jitqies li jkun intuża leġittimament minn uffiċjal tal-Pulizija, l-uffiċjal irid l-ewwel jistenna li jiġi aggredit jew jintlataq b'xi daqqa ta' ponn. Dan hu assurd.

Konsegwentement, fil-qies tal-provi kollha, sejra tagħti affidabbilita' pjena lix-xhieda taż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija fir-rigward tad-dinamika tal-fatti li waslu għall-użu tal-pepper spray u abbażi ta' din ix-xhieda, tikkonkludi li l-użu tal-pepper spray ma kienx miżura eċċessiva u kien indikat u meħtieġ fiċ-ċirkostanzi fejn il-persuni li kienu qed jiġġieldu fit-triq, jew xi ħadd minnhom, ipprovaw iħebbu għal PC 455, Gabriel Bugeja.

Minn hemmhekk, l-istess PC 455 ipproċeda għall-arrest tal-imputat iżda kif jirriżulta mix-xhieda, l-imputat irreżista l-arrest bi vjolenza tant li meta l-uffiċjal irnexxielu jmiddu mal-art u pprova jimmanettjah, gidimlu siequ. Jirriżulta wkoll illi tant l-imputat kien qed jagħmel minn kollox, inkluz iweġġa' l-uffiċjal arrestant, biex ifixkel

l-arrest illi l-uffiċjali tar-Rapid Intervention Unit kellhom jintervjenu biex jgħinu fl-arrest tal-imputat.  Huwa minnu illi meta huma ġew biex jakkumpanjaw lill-imputat arrestat lejn l-Għassa huwa ġie deskritt bħala *unresponsive* u kellu jitkaxkar minn taħt idejh, iżda ġie daqstant ippruvat illi l-imputat kien għadu qed jirrejaġixxi meta l-uffiċjali tar-Rapid Intervention Unit waslu fuq il-post, tant illi kien hemm bżonn l-intervent tagħhom biex jimmanettjawh għaliex kien qed iżomm iebes u jiftaħ idejh.

Għalkemm huwa riskontrabbli kunflitt bejn il-verzjoni ta' PC 799 u PC 868 dwar l-istat li kien fih l-imputat meta huma waslu fuq il-post biex jassistu lil PC 455, il-Qorti tqis li l-verżjoni ta' PC868 hi konfortata pjenament mix-xhieda tal-istess PC455 kif ukoll mix-xhieda ta' PC659 u konsegwentement, hi sodisfatta bl-affidabilita' ta' din il-verżjoni tagħhom, li minnha hija fehmet illi l-imputat ma bediex jirrejaġixxi iktar **wara** li ġie manettjat u ġie biex jiġi skortat minn fuq il-post, u mhux qabel jew waqt li kien qed jiġi arrestat.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[7], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Għalhekk, l-allegazzjoni tad-difiza li l-imputat kien mitluf minn sensih fil-waqt tal-arrest mhux konfortat mill-provi li kif rajna, juru inkonfutabbilment illi l-imputat kien qed jirreżisti l-arrest bis-saħħa u ntilef minn sensih wara li l-uffiċjali rnexxielhom jlibbsulu l-manetti.  Kemm hu hekk, PC 868 Russell Psaila xehed:-

"*Saħħa kellu għax ma riedx itina idejh, jew saħħa kellu ... Persuna bla saħħa taqbadlu jdejh, titfagħha warajh u twaħħlu l-manetti.*"

[7] Deciza 9.7.2003.

F’dan il-kwadru ta’ fatti, huwa indiskuss illi PC 455 Gabriel Bugeja kien qed jeżegwixxi l-liġi meta safa offiż u mweġġa’ mill-azzjonijiet tal-imputat li mhux biss irreżista iżda attivament fixkel l-eżekuzzjoni tal-arrest. Jirriżulta wkoll abbundantement illi PC 455, fil-waqt li safa aggredit, ma kienx qiegħed merament jipprova jikkonvinċi lill-imputat iwarrab jew li jieqaf milli jagħmel xi ħaġa, iżda kien qed jeżegwixxi l-liġi għaliex kien qed jipproċedi għall-arrest tiegħu. Arrest li f’kull każ kien qed jiġi mwettaq leġittimament għaliex kif stabbilit mill-provi, l-imputat kien qed jiġġieled fil-pubbliku, injora l-ordni biex jieqaf jiġġieled u minflok, dar għall-uffiċjal biex iħebb għalih. Dan kollu ġie stabbilit inkonfutabbilment mix-xhieda ta’ PC 455 u PC 659 Clayton Abela u kif ġia’ stabbilit, id-difiza ma ressqet ebda prova konvinċenti li tikkontradixxi jew tikkuntrasta l-prova li saret b’mod li jinstawra xi dubju dettat mir-raġuni f’moħħ il-Qorti dwar dak li effettivament seħħ.

F’sentenza mogħtija fit-12 ta’ Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk[8]:-

“*... Meta ufficjal tal-pulizja jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga’ arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-ezekuzzjoni tal-ligi" fis-sens tal-Artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95*.”

Fl-assjem tal-provi kollha, il-Qorti hija altru minn konvinta li l-imputat irreżista l-eżekuzzjoni tal-liġi mogħtija minn awtorita’ kompetenti bi vjolenza ta’ kalibru tali li kkaġuna l-offiża lil PC 455 fil-waqt li kien qed jaġixxi biex iwettaq l-ordnijiet legali minnu mogħtija lilu, u għaldaqstant għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 96 tal-

[8] **Il-Pulzija vs Lawrence Attard**.

Kap. 9. Ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement u sal-grad tal-probabbli li l-imputat aġixxa vjolentement għaliex l-użu tal-pepper spray ma kienx indikat jew għaliex kien qed iħossu skomdu bil-pepper spray: tant hu hekk li jirriżulta li l-imputat tant kien fis-sakra li ma jiftakar assolutament xejn minn dan l-episodju sakemm ġie f'sensih fl-Isptar. Fi kwalsiasi każ, l-iskumdita' ma ssarrafx neċessarjament fl-azzjonijiet sfrenati tal-imputat li rreżista l-arrest b'tant forza, del resto illeġittimu, li kien jeħtieġ l-intervent ta' żewġ uffiċjali tal-Pulizija, jekk mhux tlieta, biex jimmanettjawh.

Din il-fehma hi rinforzata bil-fatt li mir-relazzjoni ta' Dr. Edward Cherubino, maħtur fuq talba tad-difiza nnifisha biex jeżamina l-ġrieħi sofferti mill-imputat fl-episodju li seħħ fit-22 ta' Diċembru 2020, jirriżulta li l-imputat ġarrab ġrieħi f'irkopptejh u fuq il-polz ta' idejh u d-driegħ tax-xellug b'riżultat ta' dan l-inċident, konsistenti fi brixx li huma fil-fehma tal-Qorti kompatibbli mar-reżistenza għall-arrest jew, fl-aħjar ipotesi għall-imputat, mal-ġlieda li kellu ma' Can Ulustoy.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kap. 9 għaliex jikkonkorru l-elementi kollha għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat skuża ruħu għar-reati li kkommetta u wera r-rimors tiegħu ripetutament. Ammetta wkoll għall-parti l-kbira tal-akkużi fi stadju bikri u jidher li l-fedina penali tiegħu għalkemm mhijiex netta, mhijiex oneruża sa fejn tidħol in-natura ta' bosta mir-reati li ġie kundannat dwarhom fil-passat. Ma jirriżultax lanqas li huwa għandu xi vizzji evidenti li jeħtieġu li jiġu indirizzati (ara rapport tal-Uffiċjal tal-Probation, Gabriella James).

Il-Qorti tiddeplora kull att ta' sfida *multo magis* vjolenza ta' kull xorta fil-konfront tal-forzi tal-ordni ta' pajjiżna li jwettqu rwol daqshekk fondamentali fil-protezzjoni tas-soċjeta' kollha u sabiex jiġi assigurat id-dixxiplina u ordni li tant hemm bżonnhom fis-soċjeta' mqanqla tal-lum. Għalhekk ma tistax ma tqisx bl-iktar mod gravi kull

manifestazzjoni ta' vjolenza fil-konfront fuq uffiċjali tal-Pulizija fl-eżukuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, uffiċjali li kuljum jaħbtu wiċċhom ma' perikolu u sfidi biex għall-benefiċċju ta' kull ċittadin, jieħdu ħsieb li s-soċjeta' li ngħixu fiha tkun waħda sigura. Għal dan, l-uffiċjali tal-Pulizija u kull uffiċjal pubbliku inkarigat bil-buon ordni pubblika jistħoqqilhom l-ikbar rispett, u dan għandu jiġi rifless ukoll fil-piena li tiġi erogata fuq sejbien ta' ħtija għal reati mwettqin fuq uffiċjali tal-Pulizija.

Għalkemm il-Qorti tapprezza li l-imputat ma jiftakarx dak li seħħ għaliex kien fis-sakra, mhux ġustifikat taħt ebda ċirkostanza jaġixxi aggressivament u b'mod vjolenti lil uffiċjal tal-Pulizija li kien qed jagħmel xogħolu, anke jekk għamel dan bil-ħsieb li jipprotesta kontra l-arrest tiegħu. Dan l-aġir huwa eċċessiv, gravi u kundannabbli u jmur ferm lil hinn mill-*animus protestandi* rikonoxxut mill-ġurisprudenza in materja.

**Għal dawn il-motivi, fuq ammissjoni tal-ħtija għar-reati fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 96, 221(1), 222(1)(ċ), 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil DUNSTAN WILLIAMS ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u tikkundannah multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li għandha titħallas fi żmien sena, kif ukoll sena priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sentejn mil-lum il-ħati jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna wkoll lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija u disgħa u erbgħin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€349.35) rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri[9].**

**Għall-fini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda torbot lill-ħati DUNSTAN WILLIAMS b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu sabiex iżomm il-**

---

[9] Dok. EC1 – Relazzjoni ta' Dr. Edward Cherubino.

**paċi ma' PC 455 Gabriel Bugeja u dan taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000), għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**